MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 15/2011

Mobisle Communications Limited

vs

Marvic Mercieca

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba prezentat fl-erbatax (14) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) illi permezz tieghu l-kumpanija Mobisle Communications Limited irreklamat minghand Marvic Mercieca s-somma ta' elf u tlieta u sittin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1063.48) import ta' servizz ta' telephone cellulari bin-numru 79919403 li rrizulta fil-kont numru 504552. Dan bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita fl-erba u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra illi wara diversi tentattivi l-konvenut gie notifikat bl-avviz tat-talba kif ukoll bl-avviz tas-seduta li kien imiss u dan skont riferta li qeghda fuq in-naha ta’ wara tal-folio numru 16 tal-process.

Illi minkejja tali notifika, l-konvenut qatt ma prezenta risposta u qatt ma deher biex jikkontesta t-talba.

Ra illi d-digriet tieghu ta’ l-erbatax (14) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) li permezz tieghu kien irrikjama l-kawza ghas-sbatax (17) ta’ Jannar tal-elfejn u tnax (2012) gie revokat u ghalhekk id-diferimenti thallew kif originarjament kienu skedati.

Sema x-xhieda ta’ Emanuel Cini fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ikkonferma illi l-ammont intier ghadu dovut.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi minkejja li kien notifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smiegh, naqas milli jipprezenta risposta jew li jidher u jikkontesta t-talba.

Illi ghal beneficcju tal-partijiet u sabiex ma jigix interrot l-andament tad-diferimenti kif originarjament skedati, d-digriet ta’ dan it-Tribunal li permezz tieghu kien irrikjama l-kawza ghal data ohra gie revokat contrario imperio u thalla d-diferiment originali.

Illi jispetta lill-partijiet li jkunu notifikati fl-ewwel seduta tal-kawza u b’dak l-avviz tat-talba li jaghmilhom parti fil-kawza, illi jsegwu b’mod interessat u skurpluz id-diferimenti ta’ dan it-Tribunal.

Illi Emanuel Cini kkonferma illi d-debitu favur il-kumpanija tieghu ghadu dovut in toto u ma thallas xejn minnu.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, u fin-nuqqas ta' oppozizzjoni t-Tribunal jidirlu illi t-talba attrici hija wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u tlieta u sittin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1063.48) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem, bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali msemmija fl-avviz tat-talba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------